ĦAL QORMI
Citta' Pinto

# MINUTI

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto) IS-SEBA' KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 33 IT-TNEJN, 7 TA' AWWISSU 2017**

Il-Kunsill Lokali Ħal Qormi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu,li jinsab fl-indirizz 392, Triq il-Vitorja, Ħal Qormi, nhar it-Tnejn, 7 ta' Awwissu 2017 fis-6.30 ta' filgħaxija.

## PREŻENTI (Disa' Kunsilliera)

Jesmond Aquilina – Sindku
Bjorn Azzopardi – Viċi Sindku
Ralph Puli – Kunsillier
Jerome Caruana Cilia – Kunsillier
Renald Falzon – Kunsillier
Josef Aquilina – Kunsillier
Martina Brancaleone - Kunsillier
Marvin Zammit – Kunsillier
Antoine Saliba Haig – Kunsillier

## ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Robert Reno Cremona – Kunsillier
Daniel Bugeja - Kunsillier

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Kenneth Brincat – Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ippresjeda il-laqgħa.

Is-Sindku beda billi qal it-talba u infurma lill-Kunsill li din is-seduta kienet qegħda tiġi *streamed live* fuq il-websajt www.lc.gov.mt.

**33/01 QARI TA' ITTRI TA' APOLOĠIJI**

**33/01/01** **Is-Segretarju Eżekuttiv** qara l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Robert Reno Cremona li ma setax jattendi l-laqgħa minħabba impenji ta' xogħol. Il-Kunsill qabel unanimament li l-assenza kienet għal raġuni ġustifikata u għaldaqstant m'għandux jsir nuqqas fl-*allowance*. Fl-istess ittra l-Kunsillier Robert Reno Cremona talab lill-Kunsill biex il-laqgħat jibdew fis-7.00pm flok fis-6.30pm. Il-Kunsill qabel unanimament.
.

**33/02 KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 32**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 32 li nżammet nhar it-Tnejn 3 ta' Lulju 2017, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia issekonda l-mozzjoni għall-approvazzjoni tal-minuti.**

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta Numru 32 ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**33/03 KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU**

**33/03/01** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** infurma lill-Kunsill li wara li ġiet approvata li titmexxa l-Pelican Light ta' Triq Ġuze Duca, il-Kunsill se jerġa jikteb lill-Transport Malta biex ix-xogħol isir ma jdumx għax il-bżonn tagħhom huwa essenzjali.

**33/03/02** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** infurma lill-Kunsill li wara li kienet saret laqgħa mal-Perit tal-Kunsill, il-Kunsill se jkun qed jitlob għal-laqgħa oħra miegħu biex jirrapporta lura dak li ġie diskuss u deċiż.

**33/03/03** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** infurma lill-Kunsill li wara li saret laqgħa mal-Onor Segretarju Parlamentari Deo Debattista, l-Kunsill se jkun qed jistenna azzjoni min-naħa

tad-Direttorat tal-Indafa biex titnaddaf iż-żona tal-Ħandaq.

33/03/04 **Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq korrispondenza mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar donazzjoni volontarja mill-Kunsilliera għal Malta Community Chest Fund. Il-Kunsilliera li jixtieq li jagħti donazzjoni u tinqata' parti mill-allowance li tingħata lill-Kunsilliera f'Diċembru għandu jinforma lis-Segretarju Eżekuttiv.

33/03/05 **Is-Sindku Jesmond Aquilina** informa lill-Kunsill li l-Kunsill ġie nominat għal *Best Supportive Council* fejn ġie ppremjat b'dan l-unur mill-GreenPak. **Is-Sindku Jesmond Aquilina** ikkongratula lis-Sindku preċedenti ta' dan l-unur.

## 33/04 RAPPORTI

### 33/04/01 APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT FINANZJARJU TA' KULL KWART TAS-SENA SA' 30 TA ĠUNJU 2017

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** stieden lis-Segretarju Eżekuttiv jressaq dan ir-rapport finanzjarju ta' kull kwart li jkopri sal-aħħar ta' Ġunju 2017. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li dan ir-rapport huwa l-ewwel wieħed li qed jinħadem fuq accruals basis. Huwa kompla li fl-ewwel nofs tas-sena l-Kunsill għandu *Financial Situation Indicator* pożittiv ta' 33%. **DOK 'A1'**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq mozzjoni għall-approvazzjoni ta' dan ir-rapport finanzjarju.

**Il-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi** issekonda.

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Ir-Rapport Finanzjarju ta' kull kwart sa' 30 ta' Ġunju 2017 ġie approvati** u ffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**33/05** **RAPPORTI KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI**

**33/05/01** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** stieden lill-kunsilliera biex permezz ta' din il-materja, l-Kunsilliera se jkunu jistgħu jressqu rapporti u kummenti dwar il-ħidma tagħhom fil-laqgħat tal-Kunsill. Is-Sindku Jesmond Aquilina stieden lill-Kunsillier biex iressqu nominazzjoni ta' persuni għal fuq sotto-kumitati li jaqgħu taħt ir-responsabbilta' tagħhom u dan biex il-Kunsill iħaddan il-kunċett tas-sussidjarita' u jagħti faċilita' liċ-ċittadin biex ikun parteċipi fid-deċiżjonijiet li jieħu l-Kunsill.

**Il-Kunsillier Antoine Saliba Haig** spjega li diġa kellu diskussjonijiet mas-Segretarju Eżekuttiv dwar kif jista' jsir *Operation Procedure Manual* fejn jidħol Customer Care. Huwa semma wkoll kif dan il-qasam se jkun fundamentali fl-applikazzjoni tal-Kunsill biex jottjeni l-European Label of Governance.

**Il-Kunsillier Marvin Zammit** xtaq jirringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv u l-istaff tal-progress li sar fuq ċertu ilmenti. Il-Kunsillier Zammit kompla li huwa qed jsegwi l-proċess tal-amministrazzjoni ta' manutenzjoni ta' blokok tal-Housing.

**Il-Kunsilliera Martina Brancaleone** spjegat li qegħda taħdem biex issir l-ewwel taħdita relatata mal-mard tal-qalb fejn fil-ġranet li ġejjin se tkun qed tħabbar aktar dettalji dwar din it-taħdita li qed issir bil-kollaborazzjoni mal-Malta Heart Foundation.

**Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** spjega li diġa tkellem mas-Segretarju Eżekuttiv dwar programmi ta' fondi li jistgħu ikunu applikabbli għall-bżonnijiet tal-Kunsill. Huwa fil-fatt qed jara kif l-Kunsill jista' jagħmel proġett relatat mal-programm ta' Europe for Citizens. Fir-rigward tal-ilmenti n-nies saru konxji ta' kemm sar progress fl-indafa u li ċerta ilmenti mhux dejjem ikunu taħt il-kontroll tal-Kunsill.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** se jkun qed jiltaqa' mas-Segretarju Eżekuttiv dwar il-proġett ta' *Community Social Responsability*.

**Il-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi** semma li sar progress kbir fejn tidħol l-indafa, kif ukoll fejn jidħlu ġonna. Huwa sostna li dan huwa qasam li dejjem jkollu xi ttejjeb. Huwa kompla li l-Ministru tal-Ambjent Jose' Herrera aċċetta li jiltaqa' mal-

Kunsill dwar it-tindif tal-Widien, liema laqgħa se ssir fil-ġranet li ġejjin. **Il-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi** semma wkoll li l-lokalita' ta' Ħal Qormi se tkun qed tipparteċipa fil-kampanja nazzjonali ta' *Clean up the Site* li se ssir fis-16 ta' Settembru. Il-Viċi Sindku talab li l-Kunsilliera jipparteċipaw f'din il-kampanja u jgħinu fit-tindif li se jsir fit-tlett żoni li għażel il-Kunsill, li huma *Picnic Area*, Triq in-Negozju u Triq l-Imdina (wara l-piċċ tal-*Hockey*).

**Finalment il-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi** nforma lill-Kunsill li huwa reġa ġabar petizzjoni mingħand ir-residenti li tressqet lill-Awtorita' tal-Ippjanar bħala oġġezzjoni għall-applikazzjoni ta' żvilupp 'il barra miż-żona tal-iżvilupp fi Triq id-Deheb Fin/Triq is-Sajf.

**Il-Kunsillier Renald Falzon** ġibed l-attenzjoni dwar il-bżonn ta' tindif mill-karti li waqa' wara l-logħob tan-nar f'Wied is-sewda.

**33/06 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' LULJU 2017**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Lulju 2017, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.

**DOK 'B1-3'**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' Lulju 2017
**b)** *Bank Payments* Lulju 2017
**c)** *Petty Cash* Lulju 2017

Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara s-Sindku ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha.

**Il-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi** issekonda.

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-pagamenti kollha.

**33/07 NUQQAS TA' ATTENDENZA TAL-KUNSILLIER ROBERT RENO CREMONA**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** spjega li skont l-artikolu 18 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali, is-Segretarju Eżekuttiv huwa obbligat sabiex jinfurmah dwar Kunsilliera li jkunu naqqsu milli jattendu għall-aktar minn terz tal-laqgħat tal-Kunsill fi żmien sitt xhur.

Fid-dawl ta' dan, is-Segretarju Eżekuttiv infurmah li l-**Kunsillier Robert Reno Cremona** naqas milli jattendi, għalkemm skużat minħabba impenji ta' xogħol, għal aktar minn terz tal-laqgħat fi żmien sitt xhur kif stipulat fil-liġi.

Fi żmien sitt xhur, il-Kunsillier Cremona ma attendiex għas-seduti nru 27, 28, 29 u 31.

Għaldaqstant bħala Sindku qed iressaq din il-materja quddiem il-Kunsill sabiex jiddeċiedi jekk in-nuqqas ta' l-attendenza ta' dan il-Kunsillier kienetx dovuta għal raġunijiet ġustifikata u jirrakkomanda dwar jekk **jiġix** ddikjarat dan il-post vakanti jew le.

Peress li l-Kunsillier Robert Reno Cremona kien assenti nqrat l-korrispondenza li huwa bagħat dwar din il-materja.

**Il-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi** ressaq mozzjoni biex in-nuqqas ta' attendenza tal-Kunsillier Cremona tiġi meqjusa bħala ġustifikata kif diġa għamel il-Kunsill f'kull laqgħa li kien assenti, u li għaldaqstant jiġi rrakkomandat li l-post **ma jiġix** ddikjarat bħala vakanti.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** ssekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** li n-nuqqas ta' attendenza tal-Kunsillier Cremonda tkun ġustifikata u jirrakkomanda lill-Ministru biex il-post **ma jiġix** dikjarat bħala vakanti.

## 33/08 MOZZJONIJIET

## 33/08/01 MOZZJONI 54/2017 (VII)

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq din il-mozzjoni għad-diskussjoni:

*Nipproponi biex jiġi maħtur il-Bord tal-Aġġudikazzjoni tal-offerta Servizz ta' Tindif taż-żoni non-Urbani, li se tiġi ppublikata fil-ġimgħat li ġejjin peress li l-kuntratt wasal biex jiskadi, ikun iffurmat minn:*

*Chaiperson: Jesmond Aquilina (Sindku)*
*Membri: Ralph Puli (Kunsillier fuq il-Kumitat tal-Kuntratti), Bjorn Azzopardi (Viċi Sindku), Charles Farrugia (Contracts Manager)*
*Segretarju: Kenneth Brincat (Segretarju Eżekuttiv)*

**Il-Kunsillier Ralph Puli** ssekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni 54/2017.

**33/09 AĠĠORNAMENT**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina aġġorna il-laqgħa.**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tnejn 11 ta' Settembru 2017 fis-7.00 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa ntemmet fit-7:45 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Jesmond Aquilina | Kenneth Brincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

**Minuti kkonfermati llum …… ta' ………………. 2017.**